MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 1690/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Rita Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u disghin lira u hamsin centezmu (Lm297.50,0) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal linja bin-numru 497392 skond il-prospett anness mal-avviz bhala dokument A (Customer Number 292835) u dan skond il-ftehim relattiv kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.). Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 1998 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' Mejju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm297.50,0 bl-imghax legali mit-12 ta' Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 1998.

--------------------------------TMIEM--------------------------------